# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 259 :: DIĊEMBRU, 2017



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija*
*tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u*
*l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*
*Milied Hieni u Qaddis u*
*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*



## Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kellhom il-Laqgħa Ġenerali Annwali, fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Ħmistax-il membru attendew għal din il-laqgħa.
Il-President, Dr Victor Sammut ta r-rapport tiegħu ta' x'ġara matul is-sena.
Wara, is-Segretarja, Rosemary Attard qrat il-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali.
It-Teżorier, Ray Anastasi qara r-Rapport Finanzjarju.
Dr Victor Sammut reġa' tkellem fejn irringrazzja lill-Kumitat għax-xogħol tagħhom matul is-sena u lill-membri kollha tas-sapport tagħhom lill-Grupp.
Ir-rapporti kollha ġew aċċettati mingħajr rimarki.
Wara dan kollu, il-Kumitat xolja u Joe Lofaro ħa l-kariga ta' Riċevitur għan-nominazzjonijiet.
Minħabba li n-numru ta' dawk nominati ma kienx ikbar min-numru ta' pożizzjonijiet meħtieġa, ma kienx hemm bżonn ta' elezzjoni.



**Mix-xelluq għal-lemin: George Portelli, Salvina Vella, Paul Vella, Dr Victor Sammut, Marie Louise Anastasi u Raymond Anastasi.**



President, kien hemm nominazzjoni waħda, Dr Victor Sammut (elett). Viċi-President, kien hemm nominazzjoni waħda, Marie Louise Anastasi (eletta). Segretarju (ma kienx hemm nominazzjoni). Teżorier, kien hemm nominazzjoni waħda, Ray Anastasi (elett). PRO, kien hemm nominazzjoni waħda, Paul Vella (elett). Segretarja għall-Affarijiet Soċjali, kien hemm nominazzjoni waħda, Salvina Vella (eletta). George Portelli ġie nnominat għall-pożizzjoni ta' Membru Ordinarju tal-Kumitat. George aċċetta u ġie elett. Is-Segretarja, Rosemary Attard, din is-sena għażlet li ma tinnominax għal din il-pożizzjoni. Il-President u l-Kumitat u l-membri kollha rringrazzjawha għax-xogħol siewi li għamlet għal ħafna snin.
Wara kien hemm bibita ta' nbid, xorb minerali, pastizzi u affarijiet oħra.

## Grazzi, Rosemary Attard

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kellhom il-Laqgħa Ġenerali Annwali, fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm.
Wara r-rapporti formali, ġie elett kumitat ġdid, għalkemm kollox baqa' kif kien, minbarra li George Portelli ġie elett Membru Ordinarju tal-Kumitat, u fl-istess ħin, is-Sinjura Rosemary Attard ma nnominatx għall-pożizzjoni li kienet żammet għal ħafna snin, bħala Segretarja.
Rosemary serviet bħala President snin ilu u bħala Segretarja għal ħafna u ħafna snin.
Matul iż-żmien li kienet Segretarja dejjem qdiet il-pożizzjoni tagħha bl-aktar mod professjonali u żgur li se nħossu n-nuqqas tagħha; nisperaw li xi darba terġa' tieħu din il-pożizzjoni.

*Grazzi, Rosemary u nisperaw li nerġgħu narawk fi ħdan il-Kumitat — ix-xewqa tal-Kumitat u l-membri.*



**Rosemary Attard**

# Serata Letterarja tal-Milied

Bħalma ġieli sar fis-snin l-imgħoddija, nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 fis-7.30pm, fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajrinġa Victoria Għawdex, se terġa' ssir Serata Letterarja tal-Milied li matulha diversi kittieba Għawdxin, fosthom Raymond Caruana, Anton F Attard, Joe M Attard, Francis Mizzi, Joe Camilleri, Ganninu Cremona, Charles Bezzina li għadu kemm stampa ktieb dwar ir-refuġjati Maltin f'Għawdex matul l-aħħar gwerra, Joe W. Psaila l-awtur ta' dramm li jittella' fuq il-palk tas-Seminarju tagħna fi ftit jiem oħra, u l-Avukat Alfred Grech, ser jaqraw xi xogħlijiet tagħhom b'rabta mal-Milied li jinsab riesaq ġmielu fuqna. Ma niskantax jekk ikollna xi kor biex jagħlaq din il-lejla b'xi għanjiet tal-Milied. Din għandha tkun serata ħelwa li tkompli ddaħħalna fl-ispirtu tal-Milied u li għaliha huwa mistieden kulħadd.

***Kav. Joe M Attard, Kordinatur***

# Il-Ħajjat tal-Istejjer — *Rita Saliba*




Fir-Renju tas-Siġar taċ-Ċawsli, Benjaminu, il-ħajjat tal-istejjer, kien isaħħar lil kulħadd bir-rakkonti tiegħu. Ma' kull biċċa drapp li jmiss, kienet titfassal storja mill-isbaħ u jinħietu ħwejjeġ imnebbħin minn dan is-seħer …

Kien iżewwaq stejjer għas-Sinjorina Serafina, jinseġ rakkonti għat-twajba Reġina Mafalda, u ċ-ċkejkna Ċelestina kienet taf l-istejjer tiegħu bl-amment.

Iżda għall-Prinċep Fawstinu ma kellux aktar stejjer ta' gwerer u battalji. Il-Prinċep irrabja bl-ikrah u l-imsejken Benjaminu spiċċa għall-frisk … maqful f'ċella umduża fil-palazz irjali iħares lejn l-istilel … sakemm darba, bla mistenni, xi ħadd ried jgħinu …

Rita Saliba hija l-awtur ta' tliet kotba oħra fis-sensiela "Il-Ktieb Dejjem Ħabib", serje ta' kotba minn Horizons.

# Il-Bijografija ta' Anton Tabone — *Sergio Grech*




Id-dar ewlenija tal-kotba Kite Group għadha kemm ippubblikat il-ktieb Anton Tabone Il-Pont bejn il-Gżira Reġjun u Malta Nazzjon, miktub minn Sergio Grech, awtur tal-ewwel ktieb li ppubblikat il-kumpanija msemmija. L-ewwel ktieb kien il-bijografija tat-tabib Alexander Cachia Zammit li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-qarrejja Maltin.

F'dan il-ktieb il-ġdid Grech jitfa' d-dawl fuq il-ħajja politika ta' Anton Tabone, politiku Għawdxi, li ħajtu ddedikaha biex Għawdex reġjun ikun protagonist fl-ekonomija ta' Malta nazzjon sew meta kien deputat fl-Oppożizzjoni kif ukoll meta kien Ministru għal Għawdex.

Grech juri kif Tabone nqata' sa ċertu punt minn sħabu d-deputati l-oħra tal-Partit Nazzjonalista u ta dimensjoni u tifsira ġdida tal-kelma Għawdex fil-Parlament: l-ogħla istituzzjoni nazzjonali. Grech jirrakkonta diversi dwelli li Tabone kellu ma' Duminku Mintoff, Anton Buttigieg, Lorry Sant, Pawlu Xuereb u oħrajn għax ħass li Għawdex mhux rispettat u mhux jingħata l-attenzjoni li ħaqqu. Il-ħidma ministerjali tiegħu kienet importanti biex Għawdex ikollu għadd ta' servizzi ġodda. Saret ħidma biex il-frekwenza tat-traġitti tal-vapur tikber u fuq kollox servizzi li tejbu l-komunikazzjonijiet bejn il-fliegu li ħafna drabi ddeterminaw l-insularità doppja ta' Għawdex. Paradossalment f'dan is-settur 20 sena ilu konna aħjar.

Grech jevalwa kif matul is-snin issarrfet l-idea li l-pajjiż ikollu ministru speċifikament għal Għawdex u jara wkoll kif Għawdex ġie ttrattat fi programmi u manifesti elettorali mill-1921 sal-2017. Din il-bijografija hi xi ftit differenti mill-formula tas-soltu u ma timxix kronoloġikament. Barra l-bijografija ta' Anton Tabone, il-ktieb hu ukoll bijografija ta' Għawdex. Hu ċ-ċavetta essenzjali għal min irid ikun jaf lil Għawdex politikament. Il-ktieb ma jonqsux ukoll inċidenti ħelwin u jimla l-vojt dwar temi li f'Malta ftit ingħataw importanza mill-istudjużi Maltin. Pereżempju l-Kunsill Ċiviku. Aspett li jingħata ċerta importanza hu l-Kunsill Reġjonali li llum

## *Ittri/Emails li nirċievu...*

Għażiż Paul, Prosit tassew għal dal-Folju ta' Novembru, tant fih informazzjoni dwar kotba ġodda Maltin li b'xorti tajba qed ikollna l-ħin kollu. Għoġobni ferm dak l-artiklu ta' Amanda Busuttil dwar il-kittieb u poeta Joe Saliba. Niftakru sew fl-Għaqda Letterarja Maltija. Ħajr mill-ġdid u tislijiet. ***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Nirringrazzjak ħafna tal-Folju Letterarju li tibgħatli mill-Awstralja. Niżgurak li xogħlok qiegħed jiġi apprezzat ħafna hawn Malta minn sħabna, l-awturi u mhumiex. Grazzi tax-xogħol assidwu u komplu sejrin bih għall-ġid ta' Lsienna. Nirringrazzjak ukoll tal-informazzjoni li ġibt dwar il-ktieb tal-poeżiji ĠENESI li għadni kemm ippubblikajt.
Prosit u grazzi. ***Achille Mizzi***

Għażiż Paul, Inħoss dieqa kbira meta nirċievi il-folju, kemm dan kif ukoll l-ieħor tar-Reskeon Group. Ma nistax ma nistqarrx li kull darba li nirċievi mingħandek, kemm jien kif ukoll il-familja tiegħi, inħossu dieqa kbira bil-memorji sbieħ li ltqajna magħhom 20 sen'ilu, meta konna hemm.
Kien Awwissu 1997 meta wasalna fl-ajruport ta' Melbourne biex bdejna avventura ta' sitt xhur, li la jien, la marti u l-anqas uliedi m'aħna ser ninsew qatt…sitt xhur ta' ħidma sfieqa ma' sħabna l-Maltin ta' Victoria, iżda b'mod speċjali ma' tar-Reskeon Group. Għaddew, issa, 'l fuq minn 20 sena minn dik l-avventura iżda xorta nħossu n-nostalġija kull meta nirċievu l-folju kemm Letterarju, kif ukoll tar-Reskeon Group. Min jaf…forsi għad nerġgħu niltaqgħu jew f'Malta jew fl-Awstralja, għalkemm ngħidha kif inhi, iktar hemm ċans li niltaqgħu f'Malta. Insellimlek u nirringrazzjak mill-qalb ta' kulma qed tagħmlu biex iżżommu l-Ilsien Malti ħaj fil-kontinent Awstraljan.
Awguri lilek, lill-familja tiegħek, lil sħabna kollha tar-Reskeon u lil kull min iltqajna miegħu dak iż-żmien. Għal darb'oħra, tislima sinċiera minn Malta,
***Tancred Mizzi.***

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju GLM Novembru 2017. Rikkezza ta' struttura b'kontenut letterarju millaqwa. Ftit paġni imma ħafna għarfien u tagħrif. Rabta letterarja u lingwistika bejn Malta u l-Awstralja. b'imħabba: ***Mario Griscti***

Grazzi mill-qalb, Paul, għall-Folju informattiv tal-Grupp tagħkom. Dejjem insib xi tagħrif ġdid dwar il-Letteratura Maltija li nsir naf l-ewwel minn għandkom. Prosit tassew kemm intom aġġornati! Tislijiet,
***Prof. Rena Balzan***

Għaziz Paul,Għal darba oħra ngħidlek prosit u grazzi tassew għal ħarġa oħra tal-Folju. Hi pubblikazzjoni pulita, u prudenti, li tissokta turi kemm intom devoti u dedikati għall-kawża Maltija. Laqatni ħafna l-artiklu ta' Amanda Busuttil dwar il-poeta Joe Saliba, raġel twajjeb u poeta sinċier. Amanda kitbet bħal dejjem b'dak l-ispirtu ta' rispett li għandu jkun dejjem il-lingwa tal-letteratura. Inselli għalik ħafna.
***Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Xi ġmiel ta' folju ta' dan ix-xahar, kemm fih x'wieħed jaqra u jinforma ruħu!
Dan il-għaliex ukoll dan huwa x-xahar li hu għal qalb bosta kittieba u qarrejja.
Il-ġimgħa d-dieħla f'Malta ssir il-Fiera tal-Ktieb, avveniment li dejjem isir isbaħ minn sena għal oħra.
U vera ħerġin ġmiel ta' kotba Maltin, għandna tassew għalxiex inkunu kburin.
Paul grazzi mill-qalb li għoġbok tippubblika dawk il-kelmtejn tiegħi dwar Joe Saliba fuq il-Folju ta' Ottubru.
Għadni kemm spiċċajt naqra ktieb ieħor mill-isbaħ tal-awtur Alfred Massa li dwaru ser nibgħatlek xi kitba għax-xahar id-dieħel. Grazzi Amanda Busuttil

Għażiż Paul, Xtaqt ħafna nfaħħar l-inizjattiva serja tal-flipbook li għamel Dr Clemente Zammit u ngħidlu prosit, tassew biċċa xogħol teknoloġika u letterarja li ħaqqha tifħir. Ippakkjata b'kitba verament interessanti u barra minn hekk fiha poeżiji tassew tajbin. Kemm nieħu pjaċir insegwi u naqra dak li intkom il-Maltin-Awstraljani torganizzaw, għax f'kull attività li tagħmlu, jinħass li hemm karizma qawwija fl-imħabba li għandkom għal-lingwa Maltija.
Inselli għalikom, ***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Prosit tassew! Nixtieq nifraħ minn qalbi lil dawk kollha li ħadu sehem fil-lejla Mużiko-Letterarja Maltija (MLG) li saret fiċ-Ċentru Malti ta' Melbourne fis-17 ta' Settembru ta' dis-sena. Imma qabel kollox, għalina l-Maltin li ma stajniex inkunu preżenti u li nippruvaw ingawdu ma' ħutna imbegħda minna, imnalla jkunu l-mezzi moderni bħall-Internet. Speċjalment issa li stajna naqraw il-programm filgħamla ta' ktieb permezz tax-xogħol li ħa Dr Clemente Zammit u rċevejna l-għażla li narawh f'sura ta' "flip book". Kienet edea tajba, tassew eċċellenti. Ħajr u Prosit ukoll lilek Paul, li dejjem tgħaddilna dan it-tagħrif. ***Lina Brockdorff***




## ‘Vaganzi Sajfin’ — *ta’ Alfred Massa*

(Kitba ta’ Amanda Busuttil)



Min għandu għal qalbu l-Ktieb Malti u fuq kollox stejjer bi tmiem sabiħ u pożittiv, mela dan huwa l-ktieb li qed jistenniek taqbdu f’idek. Il-kittieb Alfred Massa wera tassew il-kapaċità kbira tiegħu fis-sengħa tal-kitba għax irnexxielu jinseġ storja li tappella kemm liż-żgħażagħ tal-lum u kemm lil dawk ta’ etajiet akbar, għaliex bena storja b’qafas tradizzjonali tal-familja Maltija u l-valuri li lkoll trabbejna fihom, imma mbagħad libbes lil din l-istorja libsa ġdida u moderna li tmiss lilek u lili fil-ħajja li qed ngħixu fiż-żmien tal-lum.

Jaf li dawn il-karattri huma mera ta’ ħutek, qrabatek u ħbiebek li ħajtek qed tmiss ma’ tagħhom kontinwament. Il-protagonisti huma żgħażagħ imma d-dell tagħhom u l-‘kuxjenza’ tagħhom hija l-ġenituri li qabilhom ħadu l-esperjenzi tal-ħajja u kapaċi jiżnu l-affarijiet aħjar. Niltaqgħu mas-simpatiċi Jenny u Michael li jixtiequ tarbija, ma’ Martin u Marisa, il-ġenituri tal-ġuvintur George u Thomas, mal-Ingliżi Christopher u Elsie żgħażagħ ħbieb ta’ George, mal-koppja Anna u Salvu ta’ Wied il-Għajn u ma’ karattri oħra li jkomplu jagħmlu r-rumanz interessanti. It-temi fir-rumanz huma bosta li jagħmluh rikk fid-dettalji li juża l-awtur.

Massa jagħti wkoll fatti storiċi li tassew jixhdu riċerka serja u mħabba lejn il-wirt kulturali Malti. Il-kittieb jagħtina stampa tassew sabiħa wkoll tal-pajjiż fejn żaru Jenny u żewġha: Franza. ‘Vaganzi Sajfin’ għandu storja tassew attwali għax il-protagonisti huma persuni li inti taf bħalhom żgur. Martin Tupper (1810-1889) jgħid dan il-kliem li hu wisq għal qalbi: ‘A good book is the best of friends, the same today and forever’.

## Karmenu Bonavia (17.7.1929 – 4.11.2017)



Twieled Ħaż-Żabbar u wara li attenda l-Liċeo kompla l-istudji tiegħu f’St Michael’s Training College minn fejn iggradwa bħala għalliem tal-Istorja. Huwa ssokta l-istudji tiegħu fl-Università Rjali ta’ Malta minn fejn kiseb diploma fis-Soċjoloġija u ċertifikat fl-Istudji Biblijotekarji. Fl-1948 beda jgħallem il-Malti u l-Istorja fl-iskejjel sekondarji (1959-1991).

Karmenu Bonavia okkupa diversi karigi fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u wara l-ħatra tiegħu bħala kap ta’ skola kien ukoll Kap tad-Dipartiment tal-Istorja kif ukoll taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Istudji Soċjali (1975-1986).

Karmenu kiteb bosta studji dwar l-istorja u l-iżvilupp tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzja u tas-Santwarju tagħha f’Ħaż-Żabbar. Waqqaf l-ewwel Wirja Dokumentarja dwar Mikiel Anton Vassalli f’Ħaż-Żebbuġ (1979). Organizza wirja oħra fil-Biblijoteka Nazzjonali b’dokumenti oriġinali (1993) u oħra fil-Biblijoteka tal-Università ta’ Malta fl-2004 mat-tnedija ta’ Dawl ġdid fuq Vassalli (ed. Dr Olvin Vella).

Fl-1979 ħa ħsieb wirja dwar l-istorja tat-textbooks f’Malta li tagħha wkoll xandar Bibliography of Maltese Textbooks 1651-1979. Wirjiet oħra taħt il-kura ta’ Karmenu kienu fuq Dun Karm, l-Indipendenza, Malta Matul iż-Żminijiet, Ġ.P.F. Agius de Soldanis u Mons. Arthur Bonnici. Huwa magħruf ukoll għar-riċerka estensiva b’rabta ma’ raħal twelidu u l-istorja tal-posta u ppubblika għadd sabiħ ta’ artikli fil-ġurnali lokali dwarhom.

Għal bosta snin fittex bir-reqqa f’diversi arkivji Maltin tal-Istat u tal-Knisja u ta’ barra, biex xandar għadd ta’ artikli storiċi dwar Vassalli fosthom: F’għeluq il-200 sena mit-twelid ta’ Mikiel Anton Vassalli (1964), M.A. Vassalli’s Commercial Activities (1988), Mikiel Anton Vassalli: A Pictorial Bibliography (1993), M.A. Vassalli: An Unfortunate Patriot (1994), Mikiel Anton Vassalli: The Sick Prisoner (1994), With Vassalli’s Compliments? A finely bound ‘Mylsen’ at the National Library (2004), Ix-Xhieda ta’ Vassalli fil-Wirjiet (2004), How Vassalli lost his Library (2006).

Karmenu Bonavia kien il-kuratur tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f’Ħaż-Żabbar u membru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM), tal-Malta Historical Society, kif ukoll wieħed mill-fundaturi tal-Assoċjazzjoni tal-Libreriji. Huwa kien membru onorarju tal-Akkademja tal-Malti. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu nsibu (flimkien ma’ Joe Mallia) iċ-charts tal-Prehistory, The Phoenicians u The Romans in Malta u l-ktieb L-Avukat Giuseppe Elia Pace 1742-1820 – Ħabib ta’ M.A. Vassalli f’Ruma (KKM, 2014).



*Xewqat għal Milied hieni u qaddis u sena ġdida mimlija saħħa u hena u nisperaw li xi darba naraw il-paċi fid-dinja.*
*Minn Paul u Salvina Vella f’isem il-President, il-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria*

(xena tal-pasturi tal-Milied tagħna)

# Eddie Fenech Adami Bejn Storja u Miti — *editjat minn Sergio Grech*




X'inhi l-pożizzjoni ta' Alfred Sant, mexxej tal-Partit Laburista bejn l-1992 u l-2008, dwar Eddie Fenech Adami? X'kien il-punt ta' diżgwid li l-Imħallef Giovanni Bonello kellu ma' Eddie Fenech Adami? Veru jew le li Eddie Fenech Adami kellu antipatija lejn l-Alternattiva Demokratika imma fil-kwistjoni tal-Unjoni Ewropea ġie bżonnhom? U l-General Workers Union u Eddie Fenech Adami veru li qatt ma raw għajn m'għajn? Kif ħadha Eddie Fenech Adami t-telfa elettorali tal-1996? Eżattament dik ir-riżenja minn Prim Ministru wara li nstab ħati mill-Kummissjoni tal-Korruzzjoni x'kienet? Veru li Eddie Fenech Adami ħalla l-Knisja tmexxih hi?

Dan u ħafna iktar fil-ktieb ġdid ta' Horizons, Eddie Fenech Adami Bejn Storja u Miti, editjat minn Sergio Grech, il-ħames volum mis-sensiela ta' suċċess Bejn Storja u Miti.

Fil-lista tal-awturi dwar Eddie Fenech Adami f'dan il-volum wieħed isib Ex Kummissarju Ewropew Malti, ex Prim Ministru Laburista ta' Malta, Imħallef tal-Qorti Ewropea irtirat, Ex Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, diversi ex Ministri li servew fil-kabinetti Nazzjonalisti u Laburisti, Ex President tal-GWU, politiċi, opinjonisti, saċerdoti, ġurnalisti, kritiċi tal-letteratura, osservaturi politiċi u akkademiċi.

F'diversi okkażjonijiet il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat kellu kliem ta' tifħir għal wieħed mill-Prim Ministri predeċessuri tiegħu: l-Avukat Eddie Fenech Adami. F'okkażjoni minnhom il-Prim Ministru Muscat sostna li Malta kellha bżonn lil Fenech Adami fl-1987 kif kellha bżonn lil Duminku Mintoff fl-1971.

Il-ktieb jippreżenta wkoll waqtiet li baqgħu inediti dwar Fenech Adami. Pereżempju r-relazzjonijiet tiegħu mal-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici: Prim Ministru ta' Malta bejn l-1984 u l-1987. X'se jkun il-verdett tal-istorja dwar il-Kapitlu Fenech Adami?

Wara ktieb dwar l-Avukat Eddie Fenech Adami maħruġ mill-Partit Nazzjonalista fis-sena 2009, wara awtobijografija miktuba mill-istess Fenech Adami u ktieb ta' elf ritratt editjat minn avukat u preżentatur fuq il-mezzi Nazzjonalisti, Horizons qed jipproponu L-Avukat Eddie Fenech Adami Bejn Storja u Miti fejn jitlaqqgħu flimkien 36 kittieb minn sfondi differenti biex jevalwaw wieħed mill-politiċi ewlenin tas-seklu 20.

L-awturi f'din il-ġabra huma l-Professur Andrew Azzopardi, ix-xandar Peppi Azzopardi, is-Sinjura Emily Barbaro-Sant, l-Imħallef Giovanni Bonello, il-Professur Carmel Borg, Dun Dr Joe Borg, l-Avukat Tonio Borg, il-Professur Charles Briffa, is-Soċjologu Michael Briguglio, Albert Callus, Victor Camilleri, Fr Lino Cardona, il-Professur George Cassar, Dr Joseph Cassar, il-Professur Arnold Cassola, Andre P. De Battista, il-Perit Michael Falzon, il-Professur Oliver Friggieri, l-Avukat Louis Galea, Monsinjur Lawrence Gatt, il-Perit Lawrence Gatt, is-Sur Franco Masini, Dr Simon Mercieca, Dr Robert Micallef, il-President Emeritu Ugo Mifsud Bonnici, Patri Dr Mark Montebello, Nicole Muscat, Richard Muscat, Gordon Pisani, Salv Sammut, il-Membru Parlamentari Ewropew Dr Alfred Sant, is-Sur Pio Spiteri, is-Sur Anton Tabone, is-Sur Gejtu Vella, l-ekonomista Joseph F.X. Zahra u Dr George Vital Zammit

Il-ktieb, li jlaħħaq il-500 faċċata, jinsab għall-bejgħ mingħand il-librara ewlenin.

Iktar informazzjoni dwar il-pubblikazzzjoni minn info@horizons.com.mt jew 2144 1604.

# MIDALJA TAD-DEHEB "ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI" LILL-MONSINJUR LAWRENZ CACHIA — *14 TA' NOVEMBRU 2017 – JUM L-AKKADEMJA TAL-MALTI*



Mons Lawrenz Cachia twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1932. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo (tal-Ħamrun u tal-Belt) u aktar tard l-Università ta' Malta, minn fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija. Ħa l-quddiesa fl-1956. Qeda d-dmirijiet pastorali tiegħu bħala Kappillan tal-Gudja (1959–1963) u bħala Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ (1963–1983). Fl-1984 inħatar membru tat-Tribunal taż-Żwiġijiet, kariga li baqa' jżomm għal 22 sena sħaħ, sewwasew sas-sena 2006. Fl-1994 ingħata t-titlu ta' Monsinjur bħala membru tal-Kapitlu tal-Katidral. Illum huwa rtirat fid-Dar tal-Kleru fejn daħal 16-il sena ilu.

Bħala president tas-Soċjetà Christus Rex, Mons. Cachia kien wieħed mill-fundaturi tar-rivista Pastor u għal bosta żmien serva fil-bord editorjali tiegħu. Is-sehem tiegħu f'din ir-rivista ħeġġitu jidħol aktar fil-fond fl-istudji teoloġiċi, b'neċessità jkolli ngħid. Ta sehmu wkoll fil-qasam tax-xandir; fil-fatt, kien involut f'diversi serje ta' programmi reliġjużi fuq Radju Malta u wara, anki fuq l-RTK. Wara li rriżenja minn Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ daħal fil-Fraternità ta' Charles de Faucauld u beda jieħu ħsieb ir-rivista tal-istess fraternità. Fl-1996 il-Gvern onora lill-Mons. Cachia billi ħatru Membru tal-Ordni tal-Mertu għax-xogħol tiegħu b'risq l-Ilsien Malti.

**Ħidma sfiqa ta' Mons. Cachia fil-kamp lingwistiku u letterarju**

Ma setax jonqos li bħala Żebbuġi jinteressa ruħu fil-ħajja u x-xogħol ta' Dun Karm Psaila u Mikiel Anton Vassalli, Żebbuġin bħalu. Fuq il-poeta nazzjonali ħareġ tliet kotba: Dun Karm: Il-Poeta Nazzjonali - Antoloġija Kkummentata (1999), Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali (2011), u Dun Karm Bħala Qassis (2013). Anki fuq Vassalli ħareġ tliet kotba: Mikiel Anton Vassalli: Ħajtu fil-Qosor (1988), traduzzjoni ta' Il-'Grammatica Melitensis' ta' Mikiel Anton Vassalli (1996), u edizzjoni tal-'Lexicon' jew Dizzjunarju Malti-Latin-Taljan (2016).

Studji oħra li jmissu mal-Ilsien Malti jinkludu: Il-Verb fil-Malti: Studju dwar il-Forom (1984), Grammatika Ġdida tal-Malti (1994), L-Ilsien Malti: Ilbieraħ u Llum (1994), edizzjoni ta' L-Ewwel Dizzjunarju Malti tal-Kavallier Thesan (1999), Ħabbew l-Ilsien Malti (2000) u Ilsna Semitiċi (2004).

Kif wieħed jista' jobsor, Mons. Cachia tana wkoll diversi kotba oħra ta' natura reliġjuża. Dawn jinkludu: Missirijiet il-Knisja (1997), Il-Bibbja Bħala Letteratura (2001), u L-Istorja tal-Kotba Mqaddsa Maqlubin għall-Malti (2013). Fl-1991 kien ittraduċa Il-Kantiku Spiritwali ta' San Ġwann tas-Salib. L-aħħar xogħol tiegħu huwa Il-Konċilji Ekumeniċi (2017).

Iċ-ċerimonja tal-investitura saret mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fis-Sala Antoine de Paule, fil-Palazz ta' Sant'Anton. Wara ċ-ċerimonja, membri tal-Akkademja tal-Malti ppreżentaw pubblikazzjonijiet tagħhom għal-Librerija Anton Buttigieg li tinsab fl-istess Palazz.

# KONVOJ – Il-ġrajja kif naf jien biss *(Rumanz ta' Michael Cini)*




Dan huwa rumanz li jirrakkonta vjaġġ ta' mħabba, qlubija u vittorja... li nkiteb biex ifakkar il-75 anniversarju mill-wasla glorjuża tal-Konvoj ta' Santa Marija.

Ir-rakkont huwa msejjes fuq ġrajja storika li seħħet tassew. Ġrajja mimlija battalji u taqbid. Ġrajja ta' vjaġġ mimli saram u ta' nies qalbiena li b'sogru kbir, salvaw lil Malta milli ċċedi f'idejn l-għadu. Avveniment storiku li baqa' dejjem jiġi mfakkar bl-akbar għożża u devozzjoni mill-Maltin.

Minbarra l-istorja ta' mħabba li tkompli żżewwaq ir-rakkont, dan ir-rumanz jagħti wkoll stampa aktar ċara ta' dak kollu li seħħ minn xħin dan il-konvoj salpa mill-Iskozja. Operazzjoni li fiha ħadu sehem mas-sittin biċċa tal-flotta navali Ingliża biex jeskortaw erbatax-il bastiment merkantili tal-konvoj mgħobbijin b'kull xorta ta' provvisti, li riedu jaslu Malta bil-fors – akkost ta' kollox! Huwa u jaqra, il-qarrej se jsib ruħu fost l-ekwipaġġ qalbieni tal-Ohio u jħoss l-emozzjonijiet li għaddew minnhom huma waqt l-attakki li seħħew lejl u nhar mill-ajruplani, mis-sottomarini u anki mill-E-boats tal-għadu, f'rotta li parti minnha kienet miżgħuda wkoll bil-mini taħt wiċċ il-baħar. Il-qarrej ma jdumx ma jirrealizza għaliex il-Maltin minn dejjem qiesu l-wasla ta' dan il-konvoj bħala waħda mirakoluża, wara vjaġġ mimli battalji ħorox li fih il-Ġermaniżi u t-Taljani rnexxielhom jgħerrqu bosta bastimenti bil-konsegwenza li tilfu ħajjithom mijiet ta' nies. Baħrin ta' kull età li f'ħakka t'għajn sabu ruħhom jgħumu waħedhom f'nofs ta' baħar, litteralment f'ħalq il-mewt wara li l-bastimenti li kienu fuqhom intlaqtu u nbidlu f'balla nar. Permezz ta' dan ir-rumanz, l-awtur jixtieq juri lill-qarrej kemm il-poplu Malti għandu għal xiex japprezza u jibqa' grat lejn dawn l-eroj qalbiena.

Din il-ġrajja hija rrakkuntata mill-għajnejn ta' żewġ maħbubin li fl-avventura tażżgħożija tagħhom, rikbu bil-moħbi fuq l-Ohio – l-uniku tanker ta' dan il-konvoj li kien qiegħed iġorr il-fuel – bit-tama li jiġu Malta. Mur għidilhom liema perikli kien hemm lesti għalihom, speċjalment kull darba li l-Ohio kien jisfa fil-mira prinċipali tal-għadu. Żgur li qatt ma kienu basru ma' xiex kien se jkollhom iħabbtu wiċċhom sakemm jaslu – jekk jaslu!

Qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, Marija, tfajla Maltija kellha tmur tgħix ġewwa l-Iskozja. Missierha kien intbagħat mill-Ammiraljat Ingliż biex jaħdem f'waħda mit-tarzni prinċipali fejn kienu jitħejjew il-bastimenti tal-konvojs tal-Alleati. Hemmhekk tiltaqa' ma' James, ġuvni Inġliż b'saħħtu, kuraġġuż u sabiħ, li huwa wkoll ikun impjegat fl-istess tarzna. It-tifkiriet sbieħ ta' Malta ta' tfulitha, Marija kienet baqgħet toħlom bihom. Tant li lil James kienet dejjem twebblu bil-ġmiel li kienet tgħix fih hi meta kienet għadha toqgħod San Pawl il-Baħar.

Meta mbagħad l-ajruplani Ġermaniżi bdew jattakkaw u jħarbtu ż-żona kollha ta' madwar it-tarzna, dawn iż-żewġ żgħażagħ inqabdu f'infern sħiħ. Mhux ta' b'xejn li meta James skopra li t-tanker li kien qiegħed jaħdem fuqu dalwaqt kien se jsalpa lejn Malta, dawn iż-żewġ maħbubin għamlu minn kollox biex rikbu bil-moħbi fuqu ħalli jfittxu jitilqu mill-Iskozja. B'hekk jaħarbu mill-ħbit tal-għadu u jkunu jistgħu jibdew ħajja ġdida flimkien ġewwa Malta.

Imma minn ġot-taġen sabu ruħhom litteralment – ġon-nar!

Tgħid kien se jirnexxilhom isalvaw mill-qilla tal-għadu? Il-ħolma mqanqla mill-imħabba tagħhom li jgawdu 'l xulxin għall-kumplament ta' ħajjithom, kienet se sseħħ? U fuq kollox, tgħid kien se jirnexxilhom jaslu Malta qawwijin u sħaħ, u speċjalment... it-tnejn li huma? Għax dak li d-destin kellu miktub għalihom... ma seta' jħassru ħadd!

Hekk kif jintemm ir-rumanz, il-ktieb jinkludi wkoll xi materjal li jikkumplimenta l-ġrajja. Dan jinkludi ritratti storiċi, mappa li turi r-rotta tal-konvoj u tindika wkoll fejn ġew attakkati u mgħerrqa l-vapuri, ftit tagħrif ġenerali dwar is-sitwazzjoni tal-gwerra li kienet qiegħda tiddomina ċ-ċentru tal-Mediterran, kif ukoll lista tal-bastimenti militari u merkantili li ħadu sehem f'Operation Pedestal, bl-ammonti tan-nies li mietu fuqhom. Dan huwa r-raba' rumanz ta' Michael Cini. Fl-ewwel pubblikazzjoni tiegħu Preżenza – Inti Temmen fil-Ħares? l-awtur ilaqqa' lill-qarrej ma' ruħ ta' omm li tkun għadha ma tistax issib il-mistrieħ ta' dejjem, qabel ma xi ħadd jiskopri kif kien għeb binha ta' seba' snin taħt ċirkustanzi misterjużi. Rumanz li reġa' ġie ppubblikat bħala best-seller. Fuq tema storika, fit-tieni rumanz tiegħu Ix-Xafra tad-Destin – L-Imdina 1565, l-awtur jgħaddi lill-qarrej mill-bieb tal-istorja, irikkbu fuq wieħed miż-żwiemel tal-Kavallerija tal-Ordni biex idaħħlu jieħu sehem miegħu f'avventura qalbiena fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565. U fuq tema totalment differenti miż-żewġ rumanzi ta' qablu, fit-tielet rumanz tiegħu Skjava ...fil-ktajjen tal-imħabba jippreżenta lill-qarrej ġrajja senswali mqanqla mill-emozzjonijiet tal-imħabba, li biex iżżomm ħajja, trid tibqa' dejjem tissielet kontra t-tentazzjonijiet, l-abbużi... u l-infedeltà!

## GĦANJA TA' TIFĦIR

Kienu bosta l-poeti Maltin
li kitbu u faħħru lil ismek
u l-qlubija ta' wliedek.
U lanqas il-barrani
ma naqas li jsebbaħ lil ġmielek
u l-ġrajjiet li seħħew matul
żmienek.
Għax dak li twieled fik,
trabba u kiber miegħek,
jħossu għani bil-wirt tal-ġmiel
tiegħek.
U dak li ġie jżurek
reġa' lura lejn artu
jiftaħar bi ġmielek w unurek.
U jekk jasal il-barrani
li jsib biex jifraħ bik,
kif nista' jien, li misqi b'demmek,
ma nħossnix kburi bik.

***Charles Mifsud.***

## BI KTIEB F'IDEJJA

Bi ktieb f'idejja
u kikkra bit-te ħdejja
indum aktar minn siegħa
bla nintebaħ kif skappat,
tant, li ħafna drabi,
il-kikkra bit-te fiha,
ninsiha
u jkolli mmur narmiha.
Bi ktieb f'idejja,
inħalli għajnejja
iżebbġu fuq il-vrus,
waqt li bi ħsiebi,
nixtarr il-kliem maħżuż,
biex nifhem sewwa.
Għax il-kliem li nsib fil-ktieb,
spiss, ma jtennuhx il-ħbieb.

***Charles Mifsud.***

## FIL-KAPPELLA TAĊ-ĊIMITERJU

F'din il-kappella
il-bixra ta' min jidħol
aktarx tkun ta' diqa.
F'din il-kappella
aktar minn ħaġ' oħra
jinstema' l-ilfieq
ta' dawk li ġew imnikktin
qed jibku lill-mejtin.

F'din il-kappella,
il-qniepen tal-kampnar
iniedu biss l-imrar
tal-qlub mikduda,
li issa sfaw miċħuda
mill-għeżież tagħhom
F'din il-kappella
tintneża' l-vanità
u tintlibes l-umiltà

***Charles Mifsud.***

***Reċensjoni:***

# Ir-refuġjati Maltin f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra

Fil-bini tal-Bank of Valletta fil-Victoria f' dawn il-jiem kont mistieden għat-tnedija tal-ktieb tal-poeta Għawdxi Charles Bezzina Ir-Refuġjati Maltin f'Għawdex fi Żmien il-Gwerra. L-awtur jaħdem ma' dan il-Bank li anke sponsorja din il-pubblikazzjoni li titkellem dwar il-qagħda ta' tant Maltin li matul l-aħħar gwerra għażlu li jmorru joqogħdu Għawdex biex jitbiegħdu mill-periklu. Kif jistqarr l-awtur stess, ħafna kienu dawk li nkurraġġewh biex jidħol għal din il-biċċa xogħol, iżda kien is-Sur Anton Tabone ex Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ex Ministru għal Għawdex li ssokta jħeġġu biex jagħmel tiftix u joħroġ b'din il-pubblikazzjoni li issa għandna f'idejna. Fil-fatt il-ktieb jiftaħ b'Messaġġ mis-Sur Tabone innifsu li fost ħwejjeġ oħra jistqarr li x-xewqa li jara dan ix-xogħol mitbugħ kompliet tikber fih meta s-sena l-oħra, waqt li kien il-knisja għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni għand il-Patrijiet Franġiskani Victoria, lemaħ vażun dehbi li kien fih bukkett fjuri talganutell bi strixxa tal-karti mdawra miegħu u b'kitba li tgħid hekk: 'Bukkett fjuri tal-ganutell mogħti mill-Bormliżi li kienu refuġjati f'Għawdex fi żmien il-gwerra'. Bezzina sab ukoll għajn kbira ta' informazzjoni fl-arkivju ta' missieru Frans li kien isegwi mill-qrib l-andament tal-gwerra f'pajjiżna.

Fil-kelmtejn tad-daħla li għamillu għall-ktieb, Lawrence Mizzi, awtur ta' diversi kotba, jgħid li malli fil-11 ta' Ġunju 1940 bdew ġejjin l-ajruplani Taljani u jwaddbu l-bombi li ġarrfu l-bini u qatlu ħafna nies, qam paniku kbir fost ir-residenti tannaħat milquta. U eluf kbar - madwar 10,000 - fl-ewwel ġranet ħarbu letteralment minn djarhom b'ta' fuqhom senduqhom u rħewlha lejn l-irħula 'l bogħod mit-Tarzna. L-aktar li laqgħu refuġjati kienu diversi rħula f'Malta kif ukoll il-gżira tagħna, Għawdex.

Charles Bezzina jgħid li l-għadd ta' refuġjati li fittxew kenn f'Ghawdex kien ilaħħaq bejn l-4000 u l-5000 meta fl-1939 il-popolazzjoni t'Għawdex kienet ta' madwar 25,000 ruħ. Minbarra familji kienu marru jfittxu kenn fostna anke ordnijiet reliġjużi nisa; uħud minnhom bit-tfal tal-orfanatrofji li kienu jieħdu ħsieb. Aktar tard marru wkoll anzjani u morda li kienu jgħixu fl-isptar ta' San Vinċenz de Paul u bħalma għamlu l-Maltin fl-irħula, l-Għawdxin laqgħu lir-refuġjati u fejn setgħu tawhom l-għajnuna li kienu jeħtieġu, minkejja li forsi damu xi ftit biex draw lil xulxin.

l-awturi tal-ktieb, Charles Bezzina u missieru Frans, meqjus bi dritt bħala studjuż t'Għawdex fil-gwerra, ma jonqsux li jsemmu l-effetti li l-evakwazzjoni ħalliet fuq il-ħajja tal-poplu Għawdxi li kultant setgħet kienet xi ftit negattiva, iżda l-wasla tar-refuġjati f'Ghawdex ħalliet mhux inqas effetti pożittivi. Biex nieħdu eżempju wieħed, bis-saħħa tas-Soċju Malti tal-Museum Emmanuel Bianco ( li kien mar Għawdex bħala 'compounder' tal-isptar San Vinċenz de Paul) infetħu l-ewwel djar tas-subien tal-Museum fil-gżira Għawdxija u bdew isiru l-purċissjonijiet bil-Bambin lejliet il-Milied. Kien ukoll fil-gwerra li bdew f'Għawdex il-priedki tal-Milied mit-tfal. L-ewwel tliet predikaturi kienu Anton Zammit Gabarretta (aktar tard Kanonku), Ugo Mifsud Bonniċi (wara avukat u politiku u President ta' Malta u li għadu kemm għalaq 85 sena), u Peter Serracino Inglott (aktar tard Saċerdot u Professur). Ir-refuġjati għenu biex attivitajiet kulturali, mużikali, u tejatrali ħadu l-ħajja f'Għawdex. Żgħażagħ Maltin u Għawdxin tħalltu u bdew jaħdmu tejatrini fl-oratorju Don Bosco u fl-1943 saħansitra ttellgħet l-operetta fil-gżira Għawdxija 'Il-Geisha' taħt id-direzzjoni tas-surmast G. Giardini Vella.

Żdied ħafna l-kummerċ u diversi xtraw propjetà f'Għawdex. Il-preżenza u l-ħidma ta' dawn ir-refuġjati kienet ikkumpensata bil-ħbiberija li għamlu u l-kwalità tal-ħajja li għexu. Marsalforn, biex nieħdu eżempju ċar, kien sar qisu x-Xatt ta' tas-Sliema bil-Maltin jippassiġġaw, ipaċpċu u jixorbu mill-ħwienet li kien hemm ..xeni li f'Malta kienu għebu mal-ewwel attakki tal-alleati. Ma rridux ninsew il-famuża għotja tal-qamħ mill-bdiewa Għawdxin lil Malta meta l-qagħda tal-ikel kienet wasslet lill-awtoritajiet jieħdu deċiżjoni li jċedu l-gżejjer lill-għadu.

Ngħid għalija barra ħafna tagħrif interessanti li jagħtuna missier u iben f'dan il-ktieb tagħhom, Ir-refuġjati Maltin f'Għawdex fi żmien il-Gwerra, naħseb l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu dwar dan is-suġġett, ħadt gost ferm naqra dwar tifkiriet pesonali ta' wħud mill-Maltin, illum magħrufa, li kellhom iqattgħu snin tfulithom mal-familji tagħhom f'Għawdex. Fost dawn qrajt b'interess x'kellhom xi jgħidu u x'jiftakru minn dak iż-żmien diffiċli, il-Perit Andre Zammit, Ugo Mifsud Bonniċi li kulħadd jiftakru sa ftit snin ilu bħala President ta' Malta Repubblika u politiku kbir u Victor Wickman, espert tal-Istorja navali u marittima fil-gżejjer Maltin. Dawn it-tlieta messew u ġarrbu l-faqar u l-għera ma' tant oħrajn, għax wara kollox dak li taf iġġib magħha l-gwerra.

Naħseb li għal mument il-ħabib tiegħi Charles warrab fil-ġenb il-ħabiba tiegħu l-Poeżija u kkonċentra dwar dan il-ktieb li meta taqbdu f'idejk, ikolli nistqarr, ma tħallihx għax il-kurżità tirkbek u żżommu quddiemek sa ma taqrah sal-aħħar. Qabel nagħlaq irrid insellem lill-memorja ta' Gorġ Cassar, li għallimni l-Malti fil-Liceo, li ħa ħsieb fela din il-pubblikazzjoni birreqqa kollha qabel ma rat id-dawl tal-istampa u li għadda għall-ħajja aħjar is-Sibt tard bil-lejl 21 ta' Ottubru 2017.

***Kav. Joe M Attard, Victoria Ghawdex***

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lil Paul Vella, PRO, fuq 9460-4404. Nixtiequk tkun magħna.**

# "Dawra Tond" fil-Junior Eurovision Song Contest





Din is-sena il-" Junior Eurovision Song Contest" inżamm f'Tbilisi, fil-Gorgja.

Malta ħadet sehem bil-kanzunetta "Dawra Tond", mużika ta' Dominic Cini, versi ta' Emil Calleja Bayliss. Il-kanzunetta kienet kantata mit-tfajjel ta' 10 snin, Gianluca Cilia.

Emil dejjem jgħin f'dik li hi l-kanzunetta Maltija u żammni nfurmat fuq "Dawra Tond" ukoll. Min-naħa tiegħi jien daqqejtha ħafna drabi fuq il-programmi tiegħi ta' 3ZZZ u s-semmiegħa wrew ħafna interess.

Kelli fiduċja li l-kanzunetta setgħet tirbaħ, imma fil-fatt spiċċat fid-disa' post.

Imma tajjeb li wieħed jgħid li fl-*Online Voting*, il-kanzunetta ġiet ikklassifikata fit-tieni post.

Kull min kellu ċ-ċans li jara l-"You Tube" — https://www.youtube.com/watch?v=l-6DOHhfEks — żgur li ħa gost għaliex kien wieħed professjonali ħafna.

Min-naħa tiegħi nammira u nifraħ lill-awtur tal-kanzunetta "Dawra Tond", , Emil Calleja Bayliss, li għalkemm il-kanzunetta kienet bl-Ingliż, għażel li juża l-Ilsien Malti fi ftit versi fil-kanzunetta. Prosit, Emil.





***Ritratti: Fuq nett, Gianluca jkanta l-kanzuetta. Taħt: Gianluca. Xellug nett: Gianluca bil-bandiera Maltija. Xellug: Dominic Cini (kompożitur), Gianluca, u Emil Calleja Bayliss, l-awtur.***

# Esperjenzi Poetiċi f'John Cremona

*Charles Briffa*

(Il-folju tal-Grupp Letteratura Maltija ta' Victoria, l-Awstralja, ifakkar għeluq il-mitt sena ta' John Cremona)

**Nota bijografika**

John J.Cremona twieled ix-Xagħra fis-6 ta' Jannar 1918. Iggradwa bil-BA (1936) mill-Università Irjali ta' Malta u ħa D.Litt. (1939) mill-Università ta' Ruma. Imbagħad daħal għall-kors tal-Liġi u kiseb b'suċċess kbir LL.D. (1942) mill-Università Irjali ta' Malta; ingħata scholarship u ġab First Class Honours (1946) u Ph.D. fil-Liġi (1951) mill-Università ta' Londra. Il-karriera tiegħu kompliet u sar wieħed mill-aktar ġuristi importanti tagħna fl-oqsma nazzjonali u internazzjonali għax (fost ħidmiet oħrajn) fassal il-Kostituzzjoni ta' Malta, laħaq Prim Imħallef, u nħatar Viċi-President tal-Qorti Ewropew tad-Drittijiet Umani.

Il-karriera poetika tiegħu bdiet minn meta beda jistudja Ruma fejn kien jippubblika l-poeżiji tiegħu bit-Taljan u rebaħ darbtejn premju fil-Mostra Nazionale di Poesia Contemporanea. Għamel żmien twil kien il-Viċi-President tal-International Poetry Society tal-Ingilterra li kellha bħala President lill-poeta u drammaturgu Ingliż Christopher Fry (1907-2005). Xi poeżiji tiegħu nqraw mill-Poet Laureate Ingliż Cecil Day-Lewis (1904-1972) fl-1969 u mir-Reġina Elizabeth II fl-1992 meta inawgurat uffiċjalment is-Siege Bell Memorial. Kiteb u ppubblika poeżiji bit-Taljan (Eliotropi, 1937), bl-Ingliż (Songbook of the South, 1940, u Malta Malta, 1992), u bil-Malti (Mas-Sebħ Għasafar, 2004, Ekwinozju, 2006, u Il-Kantiku tax-Xagħra: Poeżiji, 2012). U ħareġ ukoll wieħed bit-tliet lingwi: Poesie, Poems, Poeżiji (2009).

***Missier il-poeżija moderna***

Il-Prof. Fr Peter Serracino Inglott (1936-2112) sejjaħlu "l-missier tal-poeżija moderna f'Malta", titlu li naqbel miegħu bis-sħiħ. Hawnhekk ħa nagħti tidwiqa tal-ħila poetika tiegħu kif misjuba f'Il-Kantiku tax-Xagħra: Poeżiji. (Bħala Prim Imħallef Emeritus nafu J.J.Cremona u bħala poeta nafu John Cremona.) F'poeta vera, dejjem, hemm ħafna x'tiskopri.

Il-poeżija reċenti ta' John Cremona hija poeżija li (biex nissellef kliem Nietzsche) ma tagħtix fatti imma interpretazzjoni għax il-ħsieb – kull ħsieb – huwa għamla ta' perspettiva. Hija poeżija b'perspettiva interna għax tinvolvi l-ħsieb u s-sentiment fil-fokalizzazzjoni tagħha. Pereżempju, fil-perspettiva tiegħu l-Belt hija ħaġa ħajja li tfittex li "tiftaħ qalbha" ma' xi ħaġa li mhijiex hemm: il-ħerqa għas-sinċerità tixxekkel bin-nuqqas ta' xi ħadd. F'għajnejh il-kwiekeb jarahom itaqqbu l-lejl "b'timplor tal-fidda" – dik il-kelma "fidda" hija prezzjuża għalih għax twasslu biex jagħraf li l-bidliet tan-natura ma jġibu ebda firda. F'moħħu, Marsaxlokk isir "xatt joffri l-ilwien", u l-Ġnien tal-Milorda "riħa ta' għodwa fuq/ wiċċ il-ħamrija"; is-sema f'Sant Anton jidher "liżar/stirat imperreċ/ għax-xemx", ir-raħal mimli "djar jitgezzu flimkien", u Ħal Tarxien "ikkonsagrat fiż-żmien". Id-dehriet joħorġu mill-konxju tal-poeta u jġagħluna nifhmuhom fokaw fuqhom.

U fuq l-iskrin tal-perspettiva tiegħu nilmaħ poeżija li tħabrek ġmielha fil-ħsieb tat-tfulija – ħsieb li jikxiflu ruħu. Għax xi tfisser li jkollok bniedem li għandu 100 sena b'perspettiva fuq it-tfulija? F'din il-ġabra nsibu poeżija ffullata bit-tfal: subien "inaqqru b'subgħajn ħfief/ ċiċri minn qatta"; "tfal żgħar/ jilagħbu bil-ballun"; "Tifla/ tiġri glorjuża b'bajda"; "Tfal żgħar jilagħbu l-passju"; "tifel b'xemgħa f'idu"; "il-kurżità tat-tfal"; "Tfal/ jiġru jwerżqu" f'Sant Anton; it-tfal joħorġu l-pasturi; tifel jiġri fix-xita b'enerġija li jaħsad lill-bankina; il-logħob tat-tfal fil-baħar. U daqqa jitkellem fuq tfulitu mal-ħamrija (f'p.107 hu tifel), fuq ħuh ċkejken tarbija (f'p.38 hu ħu xi ħadd), kultant fuq ir-rigali kbar u rari ta' bintu ċkejkna (f'p.31 hu missier), u drabi oħra fuq ulied uliedu (f'p.33 hu nannu). Insib 'il fuq minn għoxrin referenza diretta għat-tfal jew għat-tfulija f'din il-ġabra.

***It-tfulija***

Fil-perspettiva tiegħu t-tfulija tidher għandha "dawl tari" u "bla tifkiriet il-ħajja" u ħafna minn dak li se ngħid fuq enerġija u ħajja fit-tfulija huwa magħsur fil-poeżija tiegħu ta' definizzjoni "It-Tfulija".

It-tfulija normalment hija simbolu tal-futur u x-xjuħija tissinjifika l-passat. Imma t-tfulija hija wkoll simbolika ta' dak l-istadju tal-ħajja meta x-xiħ ikun trasformat u jikseb sempliċità ġdida. Il-kunċett tat-tfulija f'din il-poeżija ħafifa donnu xi ċentru mistiku: donnu xi qawwa ta' qawmien żagħżugħ. L-enerġija poetika hija (b'assoċjazzjoni) bħall-ħeġġa ta' tfal ħafjin li "qabel itellqu" f'Diċembru arahom "jonfħu/ nifs sħun ġo ponn magħluq" u minkejja l-"Grigal ġo wiċċhom" li jqanfdilhom xagħarhom ħaddejhom isiru "vampa nar bl-għajta tat-tluq". Il-ġustapożizzjoni ta' Diċembru (simbolu tax-xjuħija) mal-enerġija sħuna tat-tfulija tikxef aspett ta' ruħ ta' tifel erojku lest li jillibera lid-dinja minn xi monstru. Huwa tlaqqigħ li jtellagħna mill-individwu għall-kollettività u jistaqsi: għaliex il-ħeġġa tat-tfulija m'għandhiex tibqa' sal-aħħar?

It-tfulija tisfida lir-riħ u l-poeta jerġa' f'post ieħor idaħħal it-tfulija f'ambjent ta' riħ: "ir-riħ itellaq/ mas-subien fil-pjazza" u fl-istess poeżija nsibu "żewġ subien żgħar" li jistkennu wara ħajt (jiġifieri, jinjoraw ir-riħ) ħalli jżeffnu ballun "fuq il-ponta mittiekla/ ta' żarbun". Ir-riħ jaħdem fuq l-adulti (jimbotta "żewġ sorijiet/ jaqsmu") imma mat-tfal irid jikkompeti ("itellaq/ mas-subien"). Ir-riħ huwa arja attiva u kultant vjolenti (Grigal), u bħala arja attiva jiġi assoċjat man-nifs kreattiv – fil-ħsieb bikri ta' niesna tinsab rabta (kważi spiritwali) bejn riħ u ruħ. Jiġifieri, ir-riħ huwa kkreditat bil-qawwa ta' riġenerazzjoni u fertilità, u allura meta l-poeta jassoċjah mal-enerġija tat-tfal ikun hemm kompatibilità bejn it-tfulija u r-riħ. Għax hemm qawwa fit-tfulija. Biżżejjed kelba tħares "b'ħarsa/ waħda biss/ t'għajnejn tifla raħlija" ħalli tiġbed qalb il-bniedem. It-tfal fi Cremona jidhru qawwa formattiva tal-inkonxju li jrid ikun attiv u (forsi) protettiv.

Fil-poeżija tiegħu jfittex li jkun hu nnifsu: l-anzjan li jħobb it-tfulija u lil martu mejta, u jixtieq iżomm il-memorja ta' dawn it-tnejn ħajja f'qalbu. It-tfulija u martu huma esperjenzi li għadda minnhom u meta llum, tal-età tiegħu, jixref ġo fih innifsu jsib xenqa kbira li jqajjem l-imgħoddi. Imma f'din il-ġabra mhux l-esperjenzi biss jurina imma l-kwalità wkoll ta' dawn l-esperjenzi hu u jikteb fuq il-ħajja personali u kontemporanja u fuq dak li jogħġbu u li jinteressah. U f'dan it-tiġrib isib il-lingwa biex iwassal l-esperjenzi: irrid ngħid, togħġbu l-lingwa u jilgħab bil-possibiltajiet tagħha ħa jgħaddilna dak li jrid.

***Ir-rabta ma' martu***

Il-poeżija tiegħu, għalhekk, hija ftuħ għall-esperjenzi. Jinqeda bil-poeżija mhux biss biex jagħmel sens mill-esperjenzi tiegħu imma l-aktar bħala mezz biex jinfetaħ għall-esperjenza. U aħna naqrawh biex naraw xi tkun għamlitu lill-poeta l-esperjenza. Nieħdu l-poeżija "Rabta". Qed jitkellem fuq xi ħaġa astratta (ir-relazzjoni tiegħu ma' martu u wliedu) permezz ta' deskrizzjoni. Ma jgħidilniex x'kienet tfisser għalih din ir-rabta, imma jurina x'kienet tfisser: "int jien u t-tlett itfal/ żgħar għadhom qriemeċ" imdawrin b'ambjent sielem u sempliċi b'Karmnu "jixwi l-vopi", "Kemmuna bix-xemx fuqha", u l-"Fliegu mimli". Ħarġu jimxu "taħt sema wiesa'" u bir-riħ f'wiċċhom. U f'dan l-ambjent ir-rabta ssir soda u dan il-fattur jispjegah bħala aqwa minn dik ir-rabta li t-tiben ikollu mal-ħamrija. Bid-dehriet li jagħtina jħalli l-poeżija tgħidilna dak li trid hi – u meta jurina (flok jgħidilna) ikun qed jirrispetta l-intelliġenza tagħna. Il-poeżija tiegħu hija għalhekk, fl-istess ħin, esplorazzjoni jew tiftixa aktar minn xi opportunità biex jivversifika xi ħaġa li nafu diġà. U minnaħa tagħna l-poeżija rridu niskopruha. Cremona jagħġinha b'mod għaqli u bis-sengħa bħalma jagħmel, pereżempju, fil-bidu ta' "Rabta": l-ewwel żewġ kelmiet ("Konna morna") mal-ewwel juru l-għaqda, u l-poeta jaf li aħna se nifhmuhom hekk.

Bosta minn dawn il-poeżiji (li bihom Cremona jesplora l-immaġinazzjoni tiegħu) jiġbduna lejn punt fokali (eż. "Għalqa Mibnija", "Tfal Wara l-Għawm", "Weraq f'Ħawt") u jagħtu tiżwiqa ta' ħlewwa u tenerezza u qawwa fir-riflessjoni tiegħu. Jistidinna nidħlu fix-xeni soċjali u ġeografiċi tiegħu, noqogħdu ħdejh, u nħarsu b'għajnejh u nsibu li ż-żmien, il-post, u l-bniedem jispikkaw bħala temi ewlenin f'dawn il-poeżiji. Fuq kollox jagħti kas il-mixja ritmika u l-arja tat-ton. Dan kollu jidher mil-lingwa u l-forom ta' bosta minnhom. Għax il-poeżija ta' Cremona hija waħda li mal-liriċità żżomm kuntatt sew ma' art ir-realtà tant li turi solidarjetà mal-kultura ta' pajjiżna b'kunċetti bħall-bigilla, it-tajra, il-vari, il-persjani, il-ħobż biż-żejt, il-luzzijiet, ir-raċanċ, il-pasturi, u l-passju. U poeżija bħal "Is-Seminarju t'Għawdex" insibuha mibnija fuq din il-kultura lokali.

L-użu tal-espressjoni ta' kuljum għandu raġuni artistika fi Cremona għax l-iskop letterarju huwa li din il-lingwa jagħmilha ġdida. Il-lingwa familjari ("ħanini", "il-ġurnata t-tajba", "lilek ukoll", "mel'isma' minni", "emminni") jagħmilha tgħix mill-ġdid. Irrid ngħid li l-użu tal-espressjonijiet konverżazzjonali jindika l-importanza emozzjonali ta' dak li jkun qed jitkellem fuqu.

Kultant inħoss li l-poeżija ta' Cremona hija ċelebrazzjoni ta' relazzjoni ma' martu. Fl-interpretazzjoni tiegħi wkoll insib tifsir ta' solitudni mxerred f'diversi postijiet, u meta t-tifsir jinġema' u jitlaqqa', jitfaċċa stil mentali ta' poeta b'sentiment intensiv li jeħtieġ il-kreattività u li jaf kif jinnormalizza l-esperjenza. F'idejh il-poeżija ssir esplorazzjoni jew att ta' sejbien b'ħila li jwassal id-dettall fil-qosor u jħalli l-figurattiv jitkellem permezz tad-dettall.

***(irċevejna dan kif konna sejrin għal-istampa, kif irċvejniha)***